32005D0235

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Marzu 2005

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2002/626/KE li tapprova l-pjan sottomess minn Franza għall-qerda tad-deni tal-ħnieżer klassiku minn fost il-ħnieżer slavaġ f'Moselle u Meurthe-et-Moselle

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 595)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/235/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni tal-ħnieżer klassiku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1), tagħha,

Billi:

(1) F'April 2002 id-deni tal-ħnieżer klassiku kien ġie kkonfermat fil-popolazzjoni ta' ħnieżer slavaġ fid-dipartiment ta' Moselle fi Franza.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/626/KE [2], il-pjan imressaq minn Franza għall-qerda ta' dik il-marda fid-dipartiment ta' Moselle u d-dipartiment kontigwu ta' Meurthe-et-Moselle kien ġie approvat.

(3) Franza ssottomettiet informazzjoni li tindika li d-deni tal-ħnieżer klassiku fil-popolazzjoni ta' ħnieżer slavaġ inqered b'suċċess fid-dipartiment ta' Moselle u li l-pjan tal-qerda approvat m'għandux għalfejn ikompli jiġi applikat.

(4) Jixraq għalhekk li tiġi rrevokata d-Deċiżjoni 2002/626/KE.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2002/626/KE hija rrevokata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, fil-15 ta' Marzu 2005

Għall-Kummissjoni

Is-Sur Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 316, ta' l-1.12.2001, p. 5. Direttiva emendata bl-att ta' l-adezjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 200, tat-30.7.2002, p. 37.